**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 3/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul Ellul**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Paul Ellul, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0744461(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Lulju 2021 u fil-ġranet ta' qabel, fir-raba' magħrufa bħala tal-Ħandaq fil-limiti tas-Siġġiewi, Siġġiewi, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jezerċita dritt li jippretendi li għandu, daħal fil-propjeta' u/jew fixkel lil *Landmark Property Ltd* fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-Liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Paul Ellul mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u lliberatu minn kull ħtija u mputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib l-appellat ħati skond il-liġi tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tinfliġġi fuqu l-piena idonea skond il-Liġi.

Rat l-aggravji imqanqla mill-Avukat Ġenerali

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u r-risposta tal-appellat.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Avukat Ġenerali jivventila zewġ aggravji, fir-rikors tal-appell u ċioe' illi:

i) Il-Prosekuzzjoni ma tħallietx mill-Ewwel Qorti tressaq prova indispensabbli li kienet ammissibbli skond il-Liġi, u dana a tenur tal-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodiċi Kriminali; u
ii) Li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi u dana a tenur tal-Artikolu 413(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jingħad illi  t-tieni aggravju ventilat mill-Avukat Ġenerali huwa dirett unikament lejn l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti li, fil-fehma tiegħu, kien wieħed żbaljat. Jindika l-Avukat Ġenerali illi qed iressaq dan l-aggravju bis-setgħa mogħtija lilu fl-Artikolu 413(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Issa minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni jemerġi illi l-unika imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tikkontempla ir-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, u

ċioe' ir-reat hekk imsejjaħ ta' "*raggion fattasi*". Dana ir-reat iġorr miegħu piena ta' priġunerija ta' bejn xahar u tlett xhur, u allura il-prosekuzzjoni għall-istess taqa' fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati fit-termini ta'l-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali. Jikkonsegwi li l-Avukat Ġenerali, u anke l-kwerelant, għandhom jedd għall-appell limitat mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal dawk il-kawzi ikkontemplati fl-artikolu 370(1) u dan kif stipulat fl-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser illi lill-Avukat Ġenerali ma huwiex mogħti il-jedd ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza oriġinali tagħha minn apprezzament ta' provi magħmul minn dik il-Qorti, stante li din mhijiex waħda mill-istanzi speċifikati fl-Artikolu appena ċitat. *In oltre*, l-Artikolu 413(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, iċċitat mill-Avukat Ġenerali u li fuqu qed isejjes dan it-tieni aggravju, ma japplikax għal kawzi sommarji, bħal dik odjerna.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat dan il-punt proċedurali, l-Qorti ser tqies l-ewwel aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali liema aggravju huwa qiegħed iressaq bis-setgħa mogħtija lilu fl-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodiċi Kriminali u dan meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma ħallietx lil Prosekuzzjoni tressaq prova indispensabbli u ammissibbli skont il-liġi. Dan, fil-fehma tiegħu, seħħ meta l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjeta, parti offiża għall-ħatra ta' perit tekniku sabiex jiddetermina jekk il-materjal allegatament mitfugħ mill-imputat, appellat f'dawn il-proċeduri, fil-proprejta' tagħha kienx ħamrija jew terrapien, liema talba madanakollu ma hijiex riflessa fil-verbali tal-qorti. L-Avukat Ġenerali jsostni li din kienet prova indispensabbli u li ċ-ċaħda min-naħa tal-Ewwel Qorti li ssir din il-prova, ippreġudikat lill-parti offiża tant illi l-appellat ġie lliberat mill-akkuza dedotta fil-konfront tiegħu.

Illi l-Qorti fliet l-Atti Proċesswali minn fejn jemerġi illi quddiem l-Ewwel Qorti nżammet seduta waħda biss – nhar is-6 ta' Diċembru 2021 – f'liema seduta xehdu

diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll xehed l-appellat. Illi fil-verbal li jġib l-istess data hemm ivverbalizżat hekk;

*"Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma għandix aktar provi"*,

*"Id-difiza tiddikjara li ma għandix aktar provi"*

*"Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet"*.

Illi, għalhekk dak li qed jiġi allegat mill-Avukat Ġenerali – ċioe li saret talba u l-istess ġiet miċħuda mill-Qorti - mhuwiex rifless fl-atti tal-kawza. Illi din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni hija marbuta ma' dak li jinsab fl-atti proċesswali u trid toqgħod fuq dak li hemm miktub fil-verbal billi dan jagħmel stat fil-konfront tal-partijiet.

> **"Il-minuti ta' kawza ghandhom jitqiesu li jirriflettu dak li gara fis-seduta, u f'kaz li Qorti tirrifjuta li tirregistra xi ilment jew oppozizzjoni ta' parti, dik il-parti ghandha tirregistra dak l-ilment jew oppozizzjoni f'nota jew rikors li tigi prezentata fl-atti; fin-nuqqas li jsir dan, dak li jirrizulta mill-verbal ghandu jitqies li jirrifletti dak li gara waqt is-seduta.**
>
> **..... Parti ma tistax l-ewwel ma tosservax ir-regoli ta' procedura u wara tilmenta li d-dritt taghha ghas-smigh xieraq gie miksur[1]."**

Ġie deċiż ukoll:

> **"Huwa principju elementari li jekk fil-kors ta' xi proceduri gudizzjarji parti tkun trid taghmel xi sottomissjoni jew tipproduci xi provi u l-qorti ma thallihiex, u jekk dik il-qorti ma tkunx irregistrat, jew irregistrat tajjeb, dan il-fatt, dik il-parti ghandha mhux biss id-dritt izda, jekk trid tipprevalixxi ruhha minn xi rimedju quddiem xi qorti ohra, ghandha addirittura l-obbligu li tirregistra l-posizzjoni taghha permezz ta' verbal. Addirittura jekk qorti timpedixxi lil xi parti milli tirregistra tali verbal, dik il-parti ghandha dritt li tipprezenta dak il-verbal permezz ta' nota fir-registru. Ir-regola hi li dak li jsehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza.[2]"**

Illi l-uniku dawl li jintefa' fuq dak li seħħ fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti jinsab fir-risposta intavolata mill-appellant għal dan l-appell fejn hemm allegat illi t-talba għall-ħatra tal-perit tekniku saret min-naħa tal-Prosekuzzjoni fi stadju inoltrat tal-kawża u ċioe' waqt it-trattazzjonijiet finali, u għalhekk WARA li z-zewġ partijiet

[1] Mintoff Anthony vs Avukat Ġenerali et – PA sede Kost – 2/2003
[2] Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti – 298/2002 App. Inf.

kienu għalqu l-provi rispettivi tagħhom. Illi *di piu'* għalkemm dan seta' kien il-każ, madanakollu, jerġa jingħad, illi din it-talba mhijiex riflessa fil-verbal biex b'hekk il-Qorti tifhem illi lanqas ma kien hemm xi insistenza minn naħa tal-Prosekuzzjoni illi qabel ma tgħaddi għas-sentenza issir din il-prova mill-Ewwel Qorti. Kif lanqas hemm indikat allura illi din it-talba, jekk saret, setghet ġiet miċħuda, kif jikkontendi l-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu tal-appell.

Illi l-Qorti temmen li jekk din il-prova li riedet tagħmel il-Prosekuzzjoni permezz tal-ħatra ta' espert tekniku kienet tant indispensabbli sabiex jirnexxi il-każ tagħha allura messha ressqet din it-talba fil-mument opportun, u mhux wara li jkun ingħalaq l-istadju tal-provi, iktar u iktar meta kellu jkun evidenti mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess[3] illi kien hemm kontestazzjoni dwar in-natura u l-kwalita tal-materjal li intefa' fil-proprjeta' tas-soċjeta *Landmark Properties Limited*. Kellha ukoll tiżgura ruħha l-Prosekuzzjoni, li t-talba ssir b'mod formali u li tingħata deċizjoni mill-Qorti fir-rigward u dan għaliex, kif ingħad, mill-verbal ma jirriżultax illi l-Ewwel Qorti ippronunzjat ruħha fuq xi talba bħal din magħmula mill-Prosekuzzjoni. Illi allura anke dan l-aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi kollha suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

---

[3] Xhieda Sharon Tonna u Brandon Camilleri, rappreżentanti ERA, li għalkemm hemm indikat mill-Avukat Ġenerali li dawn tressqu mill-Prosekuzzjoni fuq talba tal-appellant, madanakollu lanqas dan ma hu rifless fil-verbal quddiem l-Ewwel Qorti, iżda dawn ix-xhieda ġew prodotti bħala parti mill-provi tal-Prosekuzzjoni.